**MINUTI**
**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 57**

**Data:** 9 ta' Novembru, 2016

**Hin:** 9.08am

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillir* |
| *Shirley Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-55 u tas-56 laqgha.

2. Twaqqif ta' bordijiet tal-Edukazzjoni, Kultura u Infiorata.

3. Attivita' zjara tal-E.T. President ta' Malta.

4. Attivitajiet tal-Milied.



Kunsill Lokali - l-Gharb – Local Council
Triq il-Vizitazzjoni,
l-Gharb GRB 1044, Ghawdex
Tel: 21560556 Fax: 21562727

5. Skeda ta' Pagamenti.

6. Korrispondenza u materji ohra.

7. Aggornament.

---

Ghal-laqgha tal-Kunsill gie mistieden l-Arcipriet 'il gdid Mons. Trevor Sultana.

L-Arcipriet qal it-talba.

Is-Sindku ta' merha gewwa l-lokalita' lill-Arcipriet il-gdid Mons. Trevor Sultana u stiednu sabiex jghid kelmtejn min-naha tieghu lill-Kunsill.

L-Arcipriet irringrazzja lill-Kunsill ta' l-istedina tieghu fejn hu qal li ser ikun qed jahdem b'rieda, b'djaolgu. Zied jghid li l-lokalita' u l-knisja ghandhom jkunu maghqudin u li jemmen fid-djaolgu sincier li jista' jgib gid bejn ic-civil u l-knisja u ghaqda flimkien. L-Arcipriet qal li din hija biss laqgha introduttorja mall-Kunsill u fil-futur ser ikun hemm mezzi fejn jigu diskussi attivitajiet fejn jintlahaq ftehim.

Is-Sindku stieden lill-Arcipriet sabiex iktar 'il quddiem kif jistabilizza iktar fil-parrocca jkunu jistghu jsiru laqghat anke dwar progetti li jistghu jsiru mall-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ta' kull sena jorganizza l-Infiorata waqt il-festa tar-rahal filwaqt li fil-Milied jorganizza flimkien mall-parrocca l-*party* ghat-tfal tal-parrocca. Min-naha l-ohra fis-Sajf il-Kunsill jikkollabora mall-parrocca sabiex jigi organizza s-Summer Club ghat-tfal tal-parrocca. Il-Vici Sindku semmiet ukoll li l-Kunsill jorganizza ukoll hargiet fejn fil-fatt nhar il-Hadd ser issir harga ghall-fiera ta' San Martin.

Is-Sindku stieden lilll-Arcipriet sabiex ihossu liberu li jitkellem u jiddiskuti ghal kwalunkwe suggett li jkollu bzonn. Huwa zied jghid li jekk jinstabu aktar fondi l-Kunsill ser jipprova jkompli bix-xogholijiet fuq il-faccata tal-Knisja u dan wara li tkun saret diskussjoni u qbil ma' l-Arcipriet.

L-Arcipriet semma ukoll li gie infurmat minn Mons. Joseph Sultana li fis-26 ta' Novembru, 2016 kienet ser tattendi l-E.T. il-President ta' Malta gewwa l-lokalita' u fl-istess gurnata kien hemm ippjanata Quddiesa ta' ringrazzjament ta' Mons. Joseph Sultana. Is-Sindku informa lill-Arcipriet li s-Sur Camilleri min-naha ta' l-ufficju tal-President kien qed jitkellem ma' Mons. Sultana sabiex titharrek il-hin tal-quddiesa jew ikun hemm kordinament tal-hin bejn iz-zewg attivitajiet.

Min-naha tieghu l-Arcipriet qal li kien ser jara ftit l-affarijiet u jerga' jitkellem mall-Kunsill biex jikkordina. Is-Sindku semma ukoll li fis-snin precedenti l-*envelopes* ta' l-Istrina kienu qed jitqassmu mall-bullettin sabiex min jixtieq ikun jista' jaghti l-offerta' tieghu. L-Arcipriet ma sabx problema.

Il-laqgha intemmet billi s-Sindku offra l-kollaborazzjoni shiha tal-Kunsill b'risq il-gid tal-komunita' u talab lill-Arcipriet sabiex ma jiddejaq xejn javvicinah sabiex ikunu diskussi dawk il-materji jew htigijiet li tkun fihom il-parrocca.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-55 u 56 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Twaqqif ta' Bordijiet ta' l-Edukazzjoni, Kultura u l-Infiorata**

2.1 Is-Sindku spjega li dan is-suggett diga gie diskuss is-sena l-ohra u issa wasal iz-zmien li jintghazlu n-nies sabiex ikunu parti minn dawn l-imsemmija bordijiet.

Bord ta' l-Edukazzjoni. Is-Sindku ippropona li idejalment ikunu uhud involuti fis-sistema ta' l-edukazzjoni. Fost il-membri maghzula jrid ikun hemm *chairman* u erba' membri jew aktar kif ihoss il-bzonn il-Kunsill. Is-Sindku stieden lill-membri biex jipproponu.
Il-Vici Sindku pproponiet lis-Sur Grezzju Cauchi. Is-Sindku ppropona lil Pamela Muscat, l-head attwali tal-iskola Mary Jane Camilleri, Charles Tabone u Elizabeth Mizzi. Emanuel Muscat ippropona lil Joseph Debrincat u Kevin Cassar. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi ma' din il-lista u jara min minnhom ser jaccetta.

Bord tal-Kultura. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq l-Prof. Joseph Galea, Elsie Caruana, Maxine Debrincat u Dr Coppini.

Bord ta' l-Infiorata. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq Michael Bajada, Adrian Formosa, Mrs. Stellini, Alison Rous, Alvin Pace u Sandro Pace.

Fir-rigward ta' dan il-grupp is-Sindku qal li dan jista' jkollu aktar membri u dawn jistghu jahdmu fuq l-Infiorata tas-sena d-diehla fejn huwa ppropona li ssir ukoll *exhibition* bid-disinni kollha li fil-prezent qeghdin isirilhom *frame*. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**3.0 Attivita' Zjara tal-E.T. il-President ta' Malta**

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li mill-ufficju tal-President, il-Kunsill gie infurmat li bhala parti mill-Istrina, l-President ser tkun qeghda zzur l-Gharb nhar is-Sibt 26 ta' Novembru bejn il-5.55pm u 6.25pm. Din l-attivita' trid tigi diskussa ukoll ma' l-Arcipriet fejn jista' jigi pproponut li jkun hemm il-partecipazzjoni tal-korijiet, mixghela tas-sigra tal-Milied u dawl tat-triq, presentazzjoni tad-donazzjonijiet migbura lill-President u diskorsi ta' l-okkazjoni. Gie innotat li peress li l-attivita' ser issir ezatt qabel tinbeda l-Quddiesa ma jistax jisserva ikel waqt l-attivita'. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li jinstabu zewg persuni li jaghmlu l-gabra waqt l-attivita' nfisha.

## 4.0 Attivitajiet tal-Milied

4.1 Is-Sindku spjega li kienet problema li tigi organizzata l-attivita' ghat-tfal gewwa l-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi. Huwa ssugerixxa li ssir zjara gewwa c-Centru ta' Kreattivita' – Explora li infetah ricentament gewwa Malta. Is-Sindku spjega li huwa kien diga tkellem mall-Madam ta' l-Iskola dwar il-possibilita' li tigi involuta l-iskola f'din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.2 Gie imsemmi l-*party* tal-Milied li jigi organizzata ta' kull sena bejn il-Kunsill u l-Parrocca. Il-Kunsill qabel li bhas-snin precedenti jikkollabora mall-parrocca fejn issir harga bit-train u wara jinghata l-ikel u xorb lit-tfal gewwa s-sala tac-Centru. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta pero' din ghada trid tigi diskussa ma' l-Arcipriet il-gdid.

4.3 Is-Sindku issugerixxa sabiex il-Kunsill jaghti *token* ta' apprezzament lil Mons. Joseph Sultana tax-xoghol siewi li wettaq fil-parrocca. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

4.4 Attivita' ohra hija l-ikla ghall-membri u staff tal-Kunsill. Emanuel Muscat issugerixxa sabiex din issir wara l-Milied minhabba impenji diversi li kulhadd ikollu f'dawn iz-zminijiet. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din l-ikla.

4.5 Kif ga gie diskuss fil-laqgha precedenti ser issir l-ikla mit-Taljani fis-17 ta' Dicembru. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jara liema ghaqda lokali ghandha l-attivita' f'din il-gimgha sabiex fil-kaz issir xi haga flimkien. Min-naha tieghu l-Kunsill qabel li ghandu jipprovdi l-promozzjoni u PA ghall-attivita'.

4.6 Il-Vici Sindku staqsiet dwar id-dawl u tizjin tal-Milied. Is-Sindku spjega li diga qed jintalbu l-kwotazzjonijiet sabiex isir it-tizjin. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan fejn qabel li ghandha tintrama l-parti ta' Triq il-Knisja minn Triq il-Vizitazzjoni sal-Pjazza.

*4.7* Emanuel Muscat semma il-katina ta' mar-*roundabout* tal-Pjazza fejn issugerixxa li tinzebagh. Is-Sindku qal li din kienet ser tinbidel. Is-Sindku qal ukoll li kienu qed jintalbu kwotazzjonijiet sabiex titranga il-funtana tal-Pjazza u tinbidel il-*control.*

## 5.0 Skeda ta' Pagamenti

5.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**6.0 Korrispondenza u Materji ohra**

6.1 Minghand l-Avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill kien qed jigi infurmat li l-bye-law proposta minhabba garr ta' xogholijiet tan-nar u esplosivi ohra giet rifjutata peress li dan is-suggett jaqa' taht il-Ministru responsabbli mill-Pulizija.

6.2 Gew trattati s-segwenti cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali:

Cirkulari Numru 30/2016 – Ilmenti mressqa quddiem Servizz.Gov.
Cirkulari Numru 34/2016 – Procedura tal-*Bye-Laws* u c-*Checklist.*
Cirkulari Numru 35/2016 – Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level.* Shirley Anne Cecchini issuggeriet li jsiru *reading sessions.*
Cirkulari Numru 36/2016 – Template Registru ta' Attendenza.
Cirkulari Numru 37/2016 – Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni.
Cirkulari Numru 38/2016 – Fondi minfuqa ghal finanzjament ta' Ghaqdiet.
Cirkulari Numru 39/2016 – Seminar dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja ghas-sena 2017.

6.3 Gie imqassam flyer b'informazzjoni dwar il-Vjolenza Domestika.

6.4 Minghand l-APS Bank fir-rigward ta' CD dwar progetti muzikali li kienu imtellghin mill-Bank f'dawn l-ahhar snin.

6.5 Minghand il-Parlament fir-rigward tal-harga mill-'Parlament' ta' Settembru.

6.6 Minghand The Malta Rabbit Club fir-rigward ta' presentazzjoni dwar il-club.

6.7 Minghand il-Planning Authority fir-rigward ta' Full Development Permit ta' *bus shelter* fi Triq Frangisk Portelli, Gharb.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandhom jingabru kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li tal-lukanda Kempinski Hotel kienu interessati li jaghmlu reklam fuqha. Il-Kunsil qabel li jsir reklam bi hlas.

6.8 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-Planning Authority:
Approvazzjoni ta' permess - PA03715/16, PA05923/16, PA2446/16 u PA5633/16.
Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp – PA5922/16 u PA06481/16.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

6.9 Minghand Transport Malta fir-rigward ta' approvazzjoni ghal talba ghal tabelli *slow / slippery* fi Triq Wied il-Mielah Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu tal-Public Works biex jiehdu hsieb dawn it-tabelli.

6.10 Minghand il-Qorti Civili fejn il-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma infurmat lill-Kunsill li l-ammont ta' €34,040.50 m'ghandux dovut u huwa preskritt.

Fir-rigward tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jitkellem ma' l-Avukat sabiex isir mandat u tinghata deadline ghax-xogholijiet li saru gewwa l-Gharb peress li t-toroq spiccaw f'kaz disastruz wara li saru diversi xogholijiet biex jissewew hsarat ta' l-ilma. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.11 Minghand Dr. Damian Bigeni bhala risposta lill-Dr. Angele Formosa ghall-Incident tat-traffiku fi Triq Wied il-Mielah.

6.12 Minghand MASE fir-rigward ta' Program li qed jigu offrut ghal dawk l-aktar vunerabbli fis-socjeta'.

6.13 Minghand id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar l-iskeda ta' l-Ezamijiet.

6.14 Minghand il-Moviment Kerygma fir-rigward tal-Premju Zghazugh tas-Sena. Saret diskussjoni fejn gie innominat il-grupp ta' zghazagh li marru Bari, fl-Italja.

6.15 Is-Sindku spjega li kien hawn problema minhabba skart li jikkonsisti f'materjal mill-gdid fejn saret talba ukoll sabiex dan jibda' jingabar darba fix-xahar. Emanuel Muscat staqsa jekk dan jistax b'xi mod jigi *shredded* sabiex isir kompost. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lill-ELC jekk dawn ghandhomx xi makkinarju apposta ghal dan u fl-istess waqt qabel li ssir kollezzjoni ta' dan darba fix-xahar.

6.16 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li meta jkun hawn funeral qed ikun hawn problema minhabba parkjar hazin fiz-zona ta' madwar il-Pjazza. Gie spjega ukoll li fuq talba tal-familjari fl-ahhar funeral peress li kien wiehed imdaqqas kien hawn il-pulizija prezenti u lill-membri tal-familja inghatalhom permess specjali biex jipparkjaw fil-Pjazza. Is-Sindku issugerixxa li tidhol regola jew il-Kunsill jew il-familjari jgibu pulizija meta jkun hemm funeral. Huwa spjega ukoll li kemm il-karozza tal-mejtin kif ukoll tal-vetturi tat-tigijiet qeghdin jithallew quddiem iz-zuntier b'konsegwenza li t-traffiku qed ikollu problema biex idur madwar ir-roundabout. Waqt id-diskussjoni kien issugerixxa li ghandha ssir *planter* quddiem iz-zuntier tal-knisja fejn hemm it-tabella tan-no parking sabiex jigu evitati l-problemi.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jipprova minflok pulizija ghandhom joqghodu l-haddiema tal-Kunsill sabiex jigu evitati iktar spejjez lill-familja f'kaz ta' funeral fejn izommu l-parking ghall-familja milli jipparkjaw vetturi ohra. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha titpogga qasrija quddiem iz-zuntier tal-knisja fil-post suggerit mis-Sindku.

6.17 Is-Sindku spjega li l-impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi *vacation leave* li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sa l-ahhar tas-sena. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla.

6.18 Giet diskussa kwotazzjoni li ingabet fir-rigward tax-xogholijiet fi Sqaq li jinsab ma' genb il-kazin tal-Banda. Gie spjegat li dan ix-xoghol kellu jsir min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex pero' s'issa kien ghadu ma sar xejn.

6.19 Anthony Camilleri staqsa dwar it-tappieri ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega li ghandu jsir ix-xoghol f'dan ir-rigward. Il-Vici Sindku qalet li minhabba l-ammont ta' traffiku li ghaddej bhalissa minn din il-parti ta' Triq il-Knisja peress li Triq Frangisk Portelli tinsab maghluqa huwa ahjar li ma jsirx xoghol issa. Is-Sindku qal li pero' wahda minnhom qeghda perikoluza u x-xoghol irid isir mill-iktar fis possibli.

6.20 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sinjura Joan Grima kellha trampoline u avvicinat lill-Kunsill biex toffrih bhala donazzjoni biex jehel fil-parti t'isfel tal-*leisure park*. Il-Kunsill qabel li ghandu jaccetta dan u rringrazzja lis-Sinjura Grima ta' dan pero' jrid jinsab post adegwat sabiex ma jkunx hemm periklu.

6.21 Il-Vici Sindku qalet li l-qasab li jinsab fi Sqaq il-Fgura kien tnaddaf u ghad baqa' parti mill-hajt li jrid jitranga u hemm bzonn anke' xi *patching*. Gie innotat li f'dan il-post il-*patching* irid isir bis-siment peress li l-isqaq ghandu wicc tas-siment. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi inkarigat wiehed mill-haddiema sabiex jaghmel dan ix-xoghol ta' tiswija.

6.22 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Paul Camenzuli ser jibda' xoghol mall-Kunsill minn nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru, 2016.

6.23 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Monument tal-bronz ta' l-isqof Nikol G. Cauchi kien wasal u trid issir data biex jigi inawgurat. Huwa ssugerixxa bhala data tentattiva d-data ta' l-4 ta' Dicembru. Kienet diskussa l-ideja li sabiex jibqa' fuq

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

bazi nazzjonali ghandu jinkixef mill-E.T. President ta' Malta u imbierek mill-Arcisqof. Is-Sindku qal li talli proposta ghanda tkun diskussa mall-Ministru ghal Ghawdex peress li l-istess Ministru ta ghajnuna finanzjarja.

Proposta s-27 ta' Novembru sabiex tkun inawgurata l-Pjazzetta ta' fejn ic-Centru li giet imsemmija ghall-Isqof Cauchi u titpogga parcmina fil-pedestal tal-monument.

Filwaqt li gie innotat li dawn huma dati tentattivi, l-Kunsill qabel ma' dak suggerit.

**7.0 Aggornament**

7.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 14 ta' Dicembru, 2016.

7.2 Il-laqgha spiccat hin 10.53am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |